

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/278****tat-18 ta' Frar 2019****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ġertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/284 tat-18 ta' Frar 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (¹),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 (²) jagħti effett lil diversi miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2011/101/PESK (³), inkluż l-iffrizziar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni fiżiċi jew għuridici, entitajiet u korpi.
- (2) Fit-18 ta' Frar 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/284 li neħħiet l-isem ta' żewġ persuni mill-Anness II għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK.
- (3) Għalhekk l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 314/2004 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (4) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa sostitwit bl-Anness għal dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) Ara l-paġna 38 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(²) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ġertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1).

(³) Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar ġertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

---

## ANNESS

## “ANNESS IV

**Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 6(4)**

Persuni

	Isem (u psewdonimi possibbli)
3.	Chiwenga, Constantine
4.	Shiri, Perence (magħruf ukoll bħala Bigboy) Samson Chikerema
5.	Sibanda, Phillip Valerio (magħruf ukoll bħala Valentine)"